Il-ħdax-il Sena Marzu-April 1941 Għadd 121-122

# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)*

X'FIH DAN IL-GĦADD


| | |
|---|---|
| Wara Għaxar Snin | Prof. P. P. Saydon |
| Bin-id-Dmugħ | Prof. Ġ. Aquilina |
| It-*t* u d-*d* f'tarf il-kelma | Prof. P. P. Saydon |
| Is-Safar | M. Mizzi |
| Ġanni | A. Calleja |
| F'raħal | Ġ. Cassar Pullicino |
| Eroj | A. Calleja |
| Il-Berritta bajda ta' bil-lejl | A. Cassola |
| Storja tal-Għaqdiet tal-Kittieba tal-Malti | A. Cremona |
| Ħidmiet tagħna | |

Please send a 1/-
for 1941 See receipt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)"

**MARZU-APRIL 1941 ]     IL-ĦDAX-IL SENA     [ Għadd 121-122**

## WARA GĦAXAR SNIN

26 TA' JANNAR 1931—26 TA' JANNAR 1941.

*Aħna jidhrilna li ħadd daqs il-Prof. Saydon ma seta' jfakkar l-Istorja tal-Għaqda tagħna mwaqqfa għaxar snin ilu, fis-26 ta' Jannar 1931 mill-Istudenti Rużar Briffa u Ġużè Bonnici. Għalhekk konna stedinna l-Prof. Saydon biex jagħmel taħdita dwar hekk minn fuq ir-*Rediffusion, *li saret fis-26 ta' Frar, 1941 meta xandarna programm letterarju biex infakkru din il-ġrajja, li kienet il-bidu ta' tibdil kbir fl-Università. Aħna jidhrilna għaldaqshekk, li flok l-editorjal inxandru din it-taħdita tbaqbaq u tfur bl-imħabba ta' wieħed li għaraf imexxina b'qawwa u ħeġġa tal-għaġeb għal tmien snin sħaħ u li jqis il-ħajja tal-Għaqda biċċa minn ħajtu nfisha.*

Kien jum ta' Jannar. Zewġ żgħażagħ, studenti tal-Università, kienu għand wieħed għaref, imdaħħal fiż-żmien, mixħut fuq siġġu tad-dirgħajn, b'ħafna karti u kotba quddiemu. Ħdejn dak il-għaref, b'dik ħarstu mqita, dawk iż-żgħażagħ ħassew ruħhom żgħar, żgħar, imma l-qadja li kellhom kienet kbira, u, bħal min jaf li qiegħed jaqdi dmir għoli, rabbew il-ħila u, għal ħin wieħed ma rawx il-bogħod li kien jifridhom minn dak il-għaref. Qalulu: "Professur, tħajjarna nwaqqfu Għaqda bejn l-istudenti tal-Università biex jitħarrġu fil-kitba tal-Malti. Nitolbuk, jekk jogħġbok, tgħinna." Ma' din l-aħbar wiċċ il-għaref iddawwal, tbissima ħafifa ġriet fuq xufftejh, għax kien hu n-nifsu kittieb mill-aħjar tal-Malti u mixgħul bi ħrara kbira li jara l-kitba tal-Malti tirtaqam u tixtered, tħarrek kemm kemm fuq is-siġġu, donnu ħass qawwa ġewwenija tqanqlu, u qallhom: "Tajjeb, aħdmu dejjem; jien ngħinkom kemm nista'." Imma f'daqqa waħda d-dija ta' għajnejh iddallmet, it-tbissima ta' xufftejh intfiet, u lissen dawn il-kelmiet: "Nibża' li dan kollu nar tat-tiben."

Nar tat-tiben? Xi drabi mqar il-għaref jitqarraq. U din id-darba l-Professur għaref tqarraq. U tqarraq għax minn ruħ dawk iż-żewġ żgħażagħ kien qiegħed jara naħa waħda biss. Kien qiegħed jara ħeġġa li malajr tikbes u malajr tintefa. Kien qiegħed jara dik il-qlubija bla lġiem li tqabbeż iż-żgħażagħ minn ħsieb għal ħsieb, minn xewqa għal xewqa bla ma ddewwimhom fuq l-ebda waħda, bħal friefet jittajru minn warda għal warda, donnhom bla sabar li jieqfu żmien twil fuq warda waħda. Imma ma ħaresx lejn naħa oħra tar-ruħ żagħżugħa. Ma għarafx dak il-ħin li ż-żagħżugħ qatt ma jqis it-tfixkil, qatt ma jħares lejn it-tiġrif, qatt ma jaħseb fit-twegħir li jista' jiltaqa' miegħu. Iż-żagħżugħ, dak li jleħħ f'moħħu jixtiequ, dak li jixtieq iridu, dak li jrid jistħajlu quddiemu, qrib minnu, għalkemm imidd idu u jaqbdu, u għalhekk jintefa' għalih bil-ħeġġa kollha ta' ruħ żagħżugħa bla ma jqis it-triq, xi drabi twila u mwiegħra, li jrid jimxi biex jasal fi tmiem xewqtu.

Għaddew għaxar snin minn dak il-jum, u l-Għaqda mwaqqfa miż-żewġ studenti żgħażagħ, Rużar Briffa u Ġużè Bonnici, li ftit wara saru tobba t-tnejn, għadha ħajja, qawwija u sħiħa. Ħajja qasira s'issa; imma meta taħseb li hawn fostna Għaqdiet bħal din aktarx imutu wara ħajja wisq aqsar, għaxar snin fihom medda żmien sabiħa.

Kien sewwa sew bħal-lum, is-26 ta' Jannar 1931, meta l-Għaqda kellha l-ewwel laqgħa fil-librerija tal-Università. Kienu 21 student, li ngħaqdu minn rajhom biex jerfgħu u jżommu għoli ġieh ilsienhom. Kienet qisha ħolma! Min qatt kien jobsor li ġos-swali tal-Università, fejn il-Malti kien barrani, kellha tinstema' tidwi l-ħlewwa tal-għanja Maltija? Dun Karm, il-poeta, li kien mistieden qara l-poeżija "Warda li tgħid ġrajjietha". Il-Professur Sir Them. Zammit, li ftit qabel ħabbar ħajja qasira lill-Għaqda, bagħat novella "Ċensa u ċ-Ċine" li qraha l-istudent (illum tabib) W. L. Fava. L-istudent R. Briffa (illum tabib), Ġ. Bonnici (tabib ukoll li miet ftit xhur ilu), A. Buttiġieġ (illum Avukat u Nutar) u Art. Valenzia (illum Avukat) qraw poeżija u proża tagħhom. Minn dak in-nhar il-laqgħat tal-Għaqda baqgħu jsiru kull xahar, u kull darba kien ikun mistieden xi kittieb magħruf tal-Malti.

Biex tiġbor u xxandar il-kitba tal-imseħbin, il-Għaqda ħasbet biex toħroġ ir-Rivista tagħha *Leħen il-Malti*. L-ewwel għadd ħareġ f'Marzu 1931, u minn dak in-nhar qatt ma waqfet. Xi swiet għall-Malti din ir-Rivista, li sal-lum laħħqet ħmistax-il mitt faċċata, igħidilkom ħaddieħor.

Għaddiet l-ewwel sena, u l-Għaqda baqgħet dejjem miexja 'l quddiem. Ma' tul dik is-sena l-president, is-Sur Briffa, kellu jitlaq biex imur Londra jżid jissaħħaħ fit-tagħlim. Warajh kont maħtur jien president, li kont għadni kif sirt Professur.

It-tieni sena bdiet tajjeb, u l-Għaqda tagħna kienet bħal xitla tikber u tisbieħ quddiem għajnejk. Kotru l-kittieba; kotru l-imseħbin; kotru l-ħbieb; u aħna bdejna naħsbu biex nifirxu aktar fil-wisa' l-ħedma tagħna u nkabbru r-Rivista ċkejkna tagħna. Imma t-tajjeb imħabbat, il-ħażin qatt ma ħamel il-ġid. Il-ġgajta ta' Maltin imjassra lejn il-barrani, dawk il-Maltin li għalihom il-jasar ħajja, u l-għajb ġieh, ma setgħux joqogħdu b'idejhom marbuta u jħarsu lejn il-Malti jikber u jikseb jeddu. Kienu jafu li l-Malti kien tehdida għalihom, għalhekk riedu joħonqu, imewwtu, jeqirdu għal kollox din il-qawwa tal-Malti għal ħajja ġdida. Ma bezgħux mill-Malti ħbieb l-ilsien Ingliż; bezgħu biss l-għedewwa għajjura li raw riesaq lejhom il-jum li jroddu l-jeddijiet mhux tagħhom.

Fis-6 ta' Settembru 1932, il-Gvern ta' dak iż-żmien, b'nies imdaħħlin fih li llum magħluqin u maqfulin bħala għedewwa tas-saltna Ingliża u ta' Malta Ingliża, ħareġ ordni li l-Malti fl-iskejjel għandu jintgħallem u jinkiteb kif jitkellmuh u kif jinħass fil-widna u bħala għajnuna għat-Taljan. Li kien b'rajh dak il-Gvern neħħa l-Malti għal kollox mit-tagħlim. Imma l-Malti kien daħal fl-iskejjel b'liġi tal-Gvern Ingliż, u l-Gvern ta' Malta li ma setax iħassar dik il-liġi fittex li jfixkilha u jinqeda biha bħala għodda kontra l-Maltin.

Il-Għaqda malajr għarfet il-ħsara li kienet sa tiġri lill-Malti, u biex tilqa' dik il-ħsara, fit-12 ta' Ottubru, kitbet lill-Ministru tat-Tagħlim u fissret il-fehmiet tagħha u x-xewqat tagħha biex it-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel ikun ta' ġid għat-tfal u għall-ġieħ ta' lsienna.

Dik l-ittra, li kullħadd jista' jaqraha f'*Leħen il-Malti* ta' Ottubru 1932, kienet il-bidu ta' taqbida qalila. Kollu żejjed ngħidu li ma kenitx milqugħa; minn fuq hedduna, għajruna, għalqulna f'wiċċna bwieb is-swali tal-Università. Xejn ma swielu l-għadu. Ma bżajniex. Ħadd minna ma reġa' lura; ħadd minna ma ħarab mit-taqbida. Żammejna sħiħ daqs is-swar li jħaddnu l-ibliet tagħna. Fehmitna kienet qaddisa, qalbna kienet safja, mniex kellna nibżgħu? Fil-waqt li sħab iswed kien jinġema' fuq rasna, aktar sfiq ingħaqadna madwar ix-xitla għażiża tal-Malti biex inħarsuha mir-rwiefen tal-mibegħda ta' għadu ġiefi. U magħqudin flimkien bqajna naħdmu b'ħeġġa akbar. Jekk bwieb is-swali tal-Università ngħalqulna, bwieb oħra nfetħulna u l-laqgħat tal-Għaqda baqgħu sejrin. U biex nuru lil ħutna l-Maltin kollha x'kienu fehmietna u għaliex konna niġġieldu, ħriġna u qassamna bil-mijiet daqsxejn ta' ktieb jismu *Tagħlim il-Malti fl-imgħoddi u llum.*

Sena damet sejra l-ġlieda. Novembru 1933 ġieb miegħu tibdil kbir fil-Gvern. Jiem l-egħdewwa tagħna u tal-Malti kienu magħdudin, u issa waslu fi tmiemhom. Is-setgħa li kellhom tilfuha; u l-mibegħda lejn il-Malti baqgħet biss tħerrilhom qalbhom bla ma setgħet iżjed ittiefes il-Malti tagħna. Tnizzlu

mill-ħakma mgħobbijin bil-għajb ta' għamilhom u fil-21 ta' Novembru 1933 il-Għaqda tagħna reġgħet daħlet rebbieħa fis-swali tal-Università, fejn rebħiet akbar kienu jistennewha.

Illum ftit jaħsbu f'dawk il-ġrajja. Imma aħna li konna fihom, aħna li għixniehom u li nħossuhom bħala biċċa minn ħajjitna, bħala biċċa minna nfusna ma nistgħux ma nitgħaxxqux meta ħsiebna jerġa' lura lejn dak iż-żmien. Ma nistgħux ma nifirħux meta niftakru li qdejna dmir għoli u qaddis lejn artna u lejn niesna. Igħaddu s-snin, oħrajn għad jiġu warajna, imma l-istorja li kitbet il-Għaqda fis-sena 1932-1933 ma titħassar qatt.

Is-snin ta' wara kienu snin ta ħedma. Xejn ma kellna x'ifixkilna. U f'dik il-ħedma, li hi meħtieġa għal kull xogħol letterarju, aħna ħdimna u tajna lil ħutna l-Maltin Antoloġija fi tliet kotba ta' elf faċċata, li hi u li tibqa' għal bosta snin oħra l-isbaħ xogħol letterarju tal-Għaqda.

Tibdila żgħira saret sena ilu. Meta l-Professur ġdid tal-Malti ġie minn Londra kien jixraq li jieħu hu f'idejh it-tmexxija tal-Għaqda. U hekk il-Professur G. Aquilina, li kien fil-Għaqda mal-ħaddiema tal-ewwel siegħa, li qatt ma tbiegħed minn ma' ġenbi, li flimkien iġġelidna u flimkien irbaħna, sar hu l-president tal-Għaqda. U f'idejh il-Għaqda mrawwma b'żgħażagħ studenti tiegħu ħadet xejra ġdida, u aħna żguri li hu jagħraf imexxiha dejjem sal-ogħla quċċata tar-rebħ. Il-ħeġġa taż-żgħażagħ tal-1931 qabbdet nar li ma jintefa qatt aktar.

P. P. SAYDON

# Bin-id-Dmugħ

Bin-id-Dmugħ—dan kien l-isem ta' bniedem żagħżugħ fis-snin imma xiħ fil-qalb li kienet xorbot l-imrar ta' nifs 'il ġewwa w ieħor 'il barra li flimkien jagħmlu dik li aħna nsejħu l-'*ħajja*'. Għajnejh kienu xerrdu ħafna dmugħ u snienu giddmu subgħajn idejh bil-għali sa ma l-ħmurija taż-żgħużija marret minn ħaddejh u sfura u għaja kbira ksewlu wiċċu rqajjaq u misbuk bit-toqol tal-ħsieb. U meta kien iqiegħed idu x-xellugija fuq sidru, għax din kienet id-drawwa li għallmuh id-dwejjaq, donnu biex itaffi l-uġigħ man-nifs ta' qalb marsusa, in-nies mistagħġba kienet tistaqsih u tgħidlu 'Ja Bin-id-dmugħ', għaliex inti daqs-hekk qalbek sewda? Jewilla m'għadekx żagħżugħ fil-għomor!" U hu kien iwieġeb, "Ja ħbieb; meta żgħażagħ oħra kienu jitmattru għajjiena fis-sodod jew jerfgħu riġlejhom fis-swali tal-ballu, bħal Dijoġene jien ħriġt bil-fanal infittex il-verità tal-ħajja kullimkien. Minn dil-verità sibt tarf ħabel ċkejken

biss. Issa dil-verità kullfejn nitħarrek inġorrha miegħi bħalma dal-ġisem iġorr miegħu d-dell. Għalhekk, ja ħbieb, intom tarawni dejjem qalbi sewda."

U xi ħadd mir-rassa ta' nies li kienet inġabret tisimgħu saqsieh "X'inhi mela din il-verità kerha li għabbietlek qalbek b'dan l-għali kollu?"

"Il-verità hi li l-għerf hu l-għadu tal-hena. Aktar hieni minnek u minni l-barri mixħut fuq ħmieġu ġo l-istalla, il-ħanżir jaqla' l-għalf b'geddumu minn ġol-mandra wil-bniedem ibleh bil-lagħab nieżel ma' ħalqu."

"Verità kerha, Ja Bin-id-Dmugħ, verità kerha hi din! Jekk inhu hekk, min jiflaħ għall-kastig ta' l-intelliġenza li hi l-mamma ta' l-għali għalina l-bnedmin. Għidilna, mela, tmaqdar inti l-għerf li jgħallem il-veritajiet li jsewdu l-qalb?" U wieġeb Bin-id-dmugħ:

"Il-hena mhux l-aqwa ġid tal-bniedem. Uġigħ il-qalb jagħlef ħsieb il-għaref. Aħjar il-kruha sabiħa tan-niket; x'tagħżlu intom, l-hena tal-ħanżir jaqla' l-għalf tiegħu b'geddumu minn ġol-ħama jew l-għerf win-niket ta' Bin il-Bniedem?" "Ja Bin-id-Dmugħ", għajjat leħen mitfugħ bħal twiddiba lill-għaref imdejjaq "int tgħabbejt b'dat-toqol għax tbegħidt mill-bnedmin sħabek, mill-pjazez wis-swali tagħhom fejn dwal kbar u tbahrid inessu l-għali tal-ħajja!"

U wieġeb Bin-id-dmugħ, b'għajnejh imwaħħla fuq siġra bla weraq wil-friegħi għolja mgħawwġa ġo xulxin bħal ħafna slaleb mhejjija għal fuq il-kalvarju tal-ħajja, "La titqarrqux. Jiena ngħidilkom taħarbux l-Għerf tal-ħajja għalkemm jiswielkom dmugħ għall-għajnejn u krib għall-qalb imma lanqas taqilbu l-verità mġarrba rasha 'l isfel. Man-nies għamiltha imma fil-pjazez wis-swali jsir it-tnassis wil-mibegħda ssonn snienha. Lili l-ħajja 'għallmitni nibża' minni nnifsi, għax il-ħażen bosta drabi jirkeb fija r-rieda t-tajba, u nibża' mill-bnedmin ta' ma' dwari. Jien inżid ngħidilkom: ibżgħu sa mill-art għax tinfetaħ taħt riġlejkom u tiblagħkom; u mis-sema għax jaqa' fuqkom bħal ċangun u jgħaffiġkom; u mill-baħar għax jobromkom bejn il-ħalel tiegħu u jagħlef bikom il-ħut miġwieħ li jingħalef ukoll billi jieklu 'l xulxin. Sew sew bħalna l-bhejjem ta' żewġ saqajn li nieklu l-ħut u nieklu 'l xulxin ukoll. Kemm hi kerha l-verità tal-ħajja! Imma jekk hi iebsa għal widnejkom, mhix anqas iebsa għal widnejn il-għaref li qalha. Jien ngħidilkom, tibżgħux mill-verità, mhux biss, imma ibżgħu għaliha! Jewilla gidba sa tistor il-wiċċ ikreh tal-Ħajja?"

"Ja Bin-id-Dmugħ", qabżet xbejba li moħħha ma kienx imkemmex u l-anqas xuftejha mitbiela, "it-tagħlim tiegħek hu iebes tassew. Li kien hekk kieku aħjar l-irqad mill-istenbiħ win-ngħas tal-mewt aħjar mill-qawmien tal-ħajja. Jien ngħid li tgħallem hekk għax qalbek tixbah lill-warda maqtugħa minn fuq ommha u z-zokk tagħha ma xxarrabx ġo l-ilma! Ja

Għaref, int ma doqtx l-imħabba ta' Mara li tagħmel l-istenbiħ aħjar mir-rqad wil-qawmien tal-ħajja aħjar minn-ngħas tal-Mewt!"

U wieġeb Bin-id-Dmugħ bil-herra w qal: "Xbejba, jien ngħidlek, ibża' mill-imħabba wkoll. L-imħabba tixbah lill-warda li tikber fuq qabar fejn hemm midfuna l-paċi tar-ruħ. Jewilla l-imħabba ma tilgħabx bil-mistrieħ ta' qalbna u ma tkattarx l-imrar tal-ħajja? Sabiħa tassew fil-għajn il-warda ta' l-imħabba imma kemm drabi taħbi n-niggiżiet li jqabbżu d-demm! Għalhekk xebbaħtha jien l-imħabba lill-warda li tikber fuq qabar."

"Imma l-Mara, ja Għaref, ġmielha, żgħużitha, jewilla dawn ma jaqilgħux tifħir minn għandek?"

"Ja Xbejba, dawn il-ħwejjeġ li semmejtli x'inhuma ħlief nassa u kastig għall-mara nfisha w għar-raġel, nibxa għall-jasar tat-tnejn! Kemm drabi dawn il-ħajriet jaħbu qalb fiergħa u moħħ battal. Il-ġmiel għand il-mara hu bosta drabi bħal ħabel oħxon li hi tixħet ma' għonq ir-raġel u tgħallqu bih. Jiġri wkoll li bosta drabi il-mara mingħaliha tħobb ir-raġel, wir-raġel mingħalih iħobb lill-mara magħżula, waqt li t-tnejn iħobbu mhux lil xulxin imma lill-*idijal* li jibqa' jħabbathom sa l-aħħar. Bosta drabi oħra l-imħabba mhix ħlief farsa pulita tas-sensi miġwieħa. "Ja xbejba, jien narġa' ngħidlek, l-Imħabba hi l-għadu ta' l-hena tal-ħajja bħall-għerf!"

"Ja Bin-id-Dmugħ int tgħallimna n-niket, id-dwejjaq bla tarf, wix-xewqa tal-mewt!"

"Ja xbejba, il-Verità tixbah lil Bir fond, jekk tħares fil-qiegħ tara l-ħama ta' kollox!"

"Ja Bin-id-dmugħ, jekk int għallimtna l-Verità, int għal-limtna l-Mewt!"

"Jien tajtkom f'idejkom tarf biss ċkejken mill-ħabel twil tal-Ħajja."

"Tarf ta' ħabel twil biż-żejjed biex nitgħallqu bih" wieġbu ħafna ilħna muġugħa ma' dwaru.

"Le, kunu ta' ħila! Jien ma għallimtkomx ix-xewqa tal-Mewt imma l-għerf tal-ħajja. U ara x'inhu dan l-għerf: tixtiqux hena u ma jkollkomx għali. Jekk tistgħu toqtlu x-Xewqa għal kollox, intom toqtlu l-għali u ma jkunx hemm għalikom u la niket u la ferħ; wil-mewt wil-ħajja ikunu xorta, it-tnejn ħjut mill-motwa li minna tintiseġ ix-xoqqa kbira tal-ħolqien, tal-ħwejjeġ li jitħarrku u tal-ħwejjeġ li ma jitħarrkux. Jien għal-limtkom ma tibżgħux mill-Verità, mhux biss, imma tibżgħu għaliha u tneħħulha n-niggieża minn fommha billi toqtlu x-Xewqa. Henjin dawk li ma jixxennqux mill-ħajja u la niket u la ferħ imma jieħdu kollox kif jiġihom. Jien ngħidilkom: Dawn huma n-nies li jaħkmu l-Mewt wil-Ħajja f'din id-dinja."

U mbagħad l-Għaref twarrab qajl qajl minn fejnhom b'idu x-xellugija marsusa fuq qalbu donnu biex itaffi uġigħ kbir man-

nifs, u bejnu w bejn ruħu qal: "Mhux li jien ukoll, kont nista' noqtol ix-Xewqa ta' l-hena, u magħha l-imħabba li hi l-warda sabiħa li tikber fuq l-oqbra ta' qsim il-qalb, u ninsa għal dejjem dawl iż-żewġ għajnejn ħelwa tal-Mara Magħżula mwaħħlin mal-qiegħ tal-Bir fond fejn jegħerqu l-Veritajiet iebsa tal-ħajja u magħhom l-hena tal-Bniedem imħabbat!"

13/4/'41

Ġ. AQUILINA

# It-*t* u d-*d* f'tarf il-kelma

Jaf kulħadd li d-*d* f'tarf il-kelma tinħass *t*, hekk *ġibed* tinħass bħallikieku kienet miktuba *ġibet.* Dan kienu jafuh il-kittieba qodma wkoll li biex iżommu kemm jistgħu d-*d* f'tarf il-kelma xi drabi kienu jiktbuha mqar meta l-kelma kienet tispiċċa b'*t*. *Xi* ftit tat-taħwid jidher ukoll fil-kitba tal-lum. Biex jitnaqqas-jew jitneħħa dat-taħwid sa nagħti hawn xi tagħrif liż-żgħażagħ.

ART; it-*t* qiegħda flok *d*; xi kittieba qodma jiktbu *ard*; iżda billi *d* tinħass dejjem *t*, mqar meta warajha jkollha vokali *arti*, *artek*, aħjar niktbu dejjem *art.*

BELT; flok *beld.* Għall-istess raġuni aħjar niktbu dejjem *belt.*

BOND (tal-basal) miktuba *bont*; id-*d* hija min-nisel il-kelma u qatt ma għandha vokali warajha. Niktbuha *bond.*

DEJUD (Car.), DEJJUD (Falz.); kelma miġjuba fid-Dizzjunarji għalhekk insemmuha biex ingħidu li għandha tinkiteb *dejut* jew *dejjut.*

FARD; Falzon u Caruana jiktbuha *fart* meta tfisser *a bull*; imma għandna niktbu *fard* skond nisel il-kelma.

ĦAWD; x'uħud jiktbu *ħawt*, hekk Falzon fid-Dizzjunarju; imma Caruana jikteb *ħawd*, u din il-kitba għandna nżommuha, għax *ħawd* ġej mill-għerq li minnu mnissel il-verb *ħawwad*, li kulħadd jiktbu bid-*d* fit-tarf.

LIBET; flok *libed*; imma billi t-*t* tibqa' tinħass fit-tiswir kollu tal-verb, niktbu dejjem *libet.*

METTIT; għodda fin-newl; Falz. u Car. jiktbu *mettid*; niktbu *mettit* skond nisel il-kelma.

MIŻWED; kulħadd jikteb *miżwet*; minn dil-kelma m'għandniex ħlief il-plural *imżiewet*; qatt ma titbiddel li jkollha vokali wara t-*t*. Skond nisel il-kelma l-aħħar konsonanti hi *d*, li għandna niktbuha dejjem.

NAFAD; (kelma tal-ħassiela), Falzon jiktibha bid-*d*; Caruana bit-*t*; niktbuha bid-*d*, għax hekk tinħass qabel vokali, *jonfdu*, mhux *jonftu*, u hekk hu nisilha.

NIKET; għalkemm nisel il-kelma hu *n-k-d*, għandna nibqgħu niktbuha bit-*t*, għax tinħass fit-tiswir kollu tal-kelma, *imnikkta*, *imnikktin*, *tnikktu*.

GĦAFRIT; il-lum ħafna jiktbuha *għafrid*, għax jaħsbu li t-*t* qiegħda flok *d*; hekk jiktbu Falzon u Caruana. Imma f'dil-kelma t-*t* qiegħda flokha u għalhekk għandha tinkiteb.

SINED; raba' xagħri fuq għolja; Caruana jikteb *sinet*; Falzon ma jġibhiex dil-kelma. Niktbuha *sined* skond nisilha.

TARAD; hekk jikteb Caruana; Falzon jikteb *tarat*; niktbu *tarad* skond nisel il-kelma.

TĦADDET; Falzon jiktibha *tħadded*, u bħalu jiktbu xi kittieba tal-lum; imma għandna niktbu *tħaddet* bħalma jikteb Caruana, u bħalma hu nisel il-kelma.

WITED; Falzon u Caruana jiktbuha *wited;* niktbu *wited* skond nisilha.

P. P. SAYDON.

# Is-Safar

Stampa tal-bjut ta' Londra;
irkejjen fejn tistaħba w ħadd ma jsibek.
Ġo Malta magħluqin,
u biss nixxennqu
inħarsu ħarsa twil'għal fuq il-baħar.

* * *

F'Jukanda ta' l-egħrieb f'Mejju li għadda
konna nitħaddtu b'xi tlitt ilsna mħallta
u nittawlu, taħt ix-xemx tikwi bla ħniena,
għal fuq il-Port igeġweġ kollu ħajja.
Il-bogħ'd kien isaħħarni;
u ħlomt qatigħ fuq bliet u fuq muntanji.
U l-Grieg bla dar bla ħabba w bla mibegħda
fettillu jgħanni għana saħħar bir-Russu
fuq is-sabiħa Volga,
u ieħor bil-Bulgâr fuq il-Maritza.

M. MIZZI
(Student tal-Letteratura)

3 / 4 / 41

# Ġanni

"Oj! x'hemm Ġann, kif aħna? Hawn dalgħodu għal fejn?"

"Hawn aħna Feliċ, kont sa mmur sal-għalqa hemm erba' diljiet niżborhom, għax iż-żmien għadda u kullħadd żabarhom."

"Imbilli; x'tagħmel! għal hemm ukoll jien, suq."

Telqu t-tnejn flimkien.

"Aħna kemm sa ndumu hekk, Ġann!", qallu bid-daħka f'fommu Feliċ malli skorrew ftit in-nies, "Kellna bżonn naraw x'nagħmlu—għax hekk ma nagħmlu xejn. Inti hemm kont issoktajt jew?"

U Ġanni wieġbu: "Huwa dan ma tafx li ssoktajt, sieħeb; mela le? Aħna dalwaqt inkunu lesti taf 'kk Alla jrid." Feliċ daħak f'qalbu u d-daħka siekta nfirxet fuq wiċċu—l-iktar f'għajnejh ileqqu.

Ġanni, jew inkella kif kienu jsibuh in-nies tar-raħal, is-Seksuki, kien daqsxejn ta' raġel qasir, qasir, għajnejn ta' ġurdien, mustaċċi mqaċċtin, leħja dejjem friska, maktur abjad marbut f'għonqu—dejjem nadif daqs fiġla u fuq tiegħu ġmielu għad li kien igħodd qrib l-erbgħin. Zewġ teftifiet tar-raba' kellu u ma kienx iħallas tagħhom għax kien ħallihomlu nannuh; minn uqitejn lanqas kien nieqes, anzi kien hemm min igħid li kellu erba' soldi ġmielhom il-bank. Moħħu kien jilħaqlu wkoll: xi ħaġa għal bejgħ ħadd ma kien jiddobba daqsu tagħha. Kien irabbi tiġieġ, fniek, mogħoż—minn kollox. Issa jbigħ ħaġa, issa oħra; ta' kulljum igħallem: bil-qtajra l-qtajra timtela l-ġrajra.

Tista' tgħid li ma kien jonqsu xejn; imma, ħi, dik li joqgħod waħdu, dik ma sata' jniżżilha qatt. Sa kemm kien hemm ħutu kollox sew; kienu sejrin ħarir it-tlieta flimkien: Fortun jaqla' sold min-negozju tal-bizzilla, oħtu taħseb issajrilhom xi ħaġa u forsi taħslilhom biċċtejn ħwejjeġ u hu jieħu ħsieb ir-raba' u l-bhejjem. Imma Fortun iżżewweġ, oħtu ħallietħom ukoll u Ġanni safa waħdu.

"Dik tgħodd għalik Ġann", "Dik bieżla", "Dik imissek tieħu, ġifa—it-tifla ta' Ġorġ il-Qendli, dik għandha flus, Ġann."; hekk kienu jgħidulu l-erba' jew ħamest irġiel li kienu ħbieb tiegħu. Hu qatt ma kien imerihom, daqqa jgħidilhom li ma kienx għażżwieġ, u mbagħad erħilhom jeħduha miegħu li ma kienx qed igħidilhom is-sewwa; u xi drabi oħra, biex jeħles minnhom ħafif ħafif, "Huwa sewwa" kien igħidilhom u jħallihom b'daqshekk. Imma hu kellu waħda f'rasu—anqas kienet mill-agħar, għax Ġanni moħħu fl-ajru kien. Mela ma waħħalx f'rasu li t-tifla tal-

Perit tar-raħal tridu. Ma riedx jaħbat ħażin kieku ! Mur obsor għax kien dejjem jitħakkek ma' ħuha, u meta kienet tinżel isseftura tixtri l-ħaxix minn għandu kien jagħtiha iktar minn ħaddieħor; ħaġa li ma kien għamilha qatt qabel. Ġanni donnu qatt ma ried juri, imma, sabreċ, ma damux ma saru jafu bilbiċċa n-nies. Imma, kos, in-nies kif issir tafhom hekk malajr l-affarijiet ! Issa hu ma kien qal lil ħadd ħlief lil Kelina li kienet taħbat iz-zija ta' Yvonne; u kien qalilha biex forsi tgħaddilu kelma. U din mhux biss ma qatgħetlux qalbu, imma qaltlu li n-ne putija tridu; għax siegħa kienet taf tgħaddiha ġmielha. Imma, ħi, mhux hi biss saret taf; sar jaf kullħadd: ħbiebu sikwit kienu jsemmuhielu. Il-bniedem kif inhu magħmul: ikun jilħaqlu kemm ikun jilħaqlu, għandek issibu debbli f'xi ħaġa; mhemmx. Ġanni li kien jidhirlu li hu sargu u li ħadd ma kellu ħila jidħak bih—semmilu 'l Yvonne u jsir qisu biċċa tafal tagħmel bih li trid u tbellagħlu kemm trid. Ħbiebu ma baqgħux lura lura; meta ma kienx ikollhom x'jagħmlu—l-iktar nhar ta' Ħadd—kienu jfittxuh ħuma stess biex jaqbdu d-diskors. Jintasbulek wara l-għatba tal-bieb ta' barra, għad-dell; issa wieħed jitfa' lixkata minn hawn, issa ieħor igħidilhom kelma minn hawn u jagħmiżhom u huma erħilhom jinqalbu fl-art bid-daħk.

"Huwa Ġanni qisu ġewwa" jgħid wieħed;

"In-nofs lest", ikompli ieħor, "Ġanni jrid, tad-dar iridu wkoll—issa hi biss baqa' tgħid iva, mhux hekk Ġann?"

"U żgur", iwieġeb dan; "aħna issa għas-sajf nirranġaw : għandi din l-intrata nagħmilha bil-madum; nixtrilha magna tal-ħjata u ma tkunx sewwa ftit hawnhekk." Is-Seksuki miskin kien għamilha diġa tiegħu. Anqas tlumu. Ħbiebu jgħidulu li tridu, zijitha sikwit tgħidlu li aħjar minnu ma kenitx sa ssib, ħuha li meta sama' bil-biċċa ma daħakx bi ftit, dejjem jiġri wrajh issa jgħidlu li tħobbu ħafna u issa ħaġa, iss'oħra. Ġanni ħi, mela ras daqs qartalla—u anqas kien għadu jkellem 'il kullħadd għax deherlu li kiber—u dawn li jikbru mbagħad aktarx hekk jiġrilhom. Jaħasra! min jogħla ħafna sabta kbira jieħu.

Imma għax tgħid, lil Yvonne kien għadu qatt ma kellimha. Forsi kienet tistħi; għad li kienet tħares lejh minn taħt meta tiltaqa' miegħu. Dan kien jaħsbu hu. Ma kienx ħlief imekkek minn wara bieb il-perit biex forsi jilmaħha. Donnu barra minn sessih: fettillu jkellimha. Għand zijitha kienet tiġi kull tant—imma x-xorti qatt ma għenitu; kull meta kienet tiġi hi, hu kien jinzerta jew magħluq id-dar jew inkella l-għalqa; dan kienet tgħidulu Kelina. Ħbiebu ma kinux igħidulu xort'oħra: meta kien ikun barra kienu jgħidulu li Yvonne marret fejn id-dar tiegħu, meta kienu jafu li kien id-dar kienu jgħidulu li Yvonne żgur marret tfittxu ħdejn l-għalqa tiegħu għax rawha tippassiġ-

ġa lejn dawk l-inħawi. U Ganni li qabel kien jidhirlu li hu sargu issa sar mazzun jibla' kollox.

Ġanni kelma ma kienx jafdaha ma' kullħadd; imma lil Feliċ kien jagħtih imqar qalbu.

"Issa hi xi tgħid? xi tgħid?" kien igħidlu.

"Hi trid żgur hekk: inhiex żgur hawn jien—daqshekk ieħor żgur li trid hi; minn daqshekk 'kk ma tiħux lilek ma tieħu 'l ħadd", hawn kien idawwar wiċċu għax ikun sa jinqasam biddaħk, u mbagħad,

"'kk ma tiħux lilek, soru tmur, oqgħod fuq kliemi Ġann."

Ġanni dal-kliem kien jinżillu għasel; dritt jibda jobrom ilmustaċċi u jmiss il-beritta.

"Tgħid kif nagħmel, Feliċ" kien ikompli mbagħad, "kif nagħmel u nkellimha—Tridni—għax li tridni naf—imma kieku nixtieq inkellimha għax taf int—bil-ħars biss ma nagħmlu xejn."

"Kollox sew", qallu l-ieħor wara li qagħad jaħsibha ftit, "ħalli fi ħsiebi Ġann; jiena ma' ħuha ħaġa waħda; naħseb li nirranġaw."

Dak in-nhar stess ħuha mar fejn Ġanni u qallu li Yvonne filgħaxija kellha tmur tistennieh fis-sqaq ta' wara l-knisja, ftiehem miegħu li kellhom imorru għalih hu u Feliċ, u ħallieh. Dan kien qisu għal ħabta tal-għasar. Minn dak il-ħin Ġanni anqas baqa' x'ma għamilx. Inħasel xi darbtejn, reġa' qaxxarha, iż-żarbun li kien libsu darba għat-tieġ ta' ħuh ġiebu jleqq; insomma, nsibek minn hawn u nsibek minn hemm, sa fil-għaxija anqas kien għadu jingħaraf. Feliċ u Dumink, għax hekk kien jismu ħu Yvonne, kif sar bejn ħajta dawl u oħra dlam marru għalih. Sabuh jistennihom fil-bieb; qagħdulu wieħed kull naħa u biex ma jagħtux fil-għajn, għaddew minn triq imwarrba. Ġanni, iż-żarbun ma kienx imdorri bih, ħabat sa jdejqu għax ma' kull pass li kien imidd iżaqżaq. L-oħrajn mhux ħlief iħarsu lejn xulxin minn taħt, u kieku kien hemm xi ħadd flihom sewwa kien jinduna li xi ħaġa moħbija kellhom bejniethom.

"Il-lejla taraha daqxejn, Ġann" igħidlu wieħed, "Issa tantx tgħajjat taf, għax forsi ttiha xi regħxa."

"U Ġanni hemm bżonn tgħidlu, int ukoll : mela aħna tfal jew."

"'Mm hekk jew mhux hekk, Gann ? Għid int."

"U żgur"; daqshekk biss kien iwieġeb dan għal kull ma jgħidulu. Ħsiebu ma kienx hemm; ried ifittex igħaġġel għax kellu mitt sena biex jara ftit 'il Yvonne.

Kelma minn hawn u kelma minn hemm fl-aħħar qabdu ttarf tas-sqaq.

"Hemm fuq qiegħda Ġann, ara. Aħna se noqogħdu nistennewk hawn."

Ganni tefa' ħarsa tul is-sqaq u deherlu li lemaħha 'l fuq. Hemm kienet sabreċ, ara kellux ikellimha fl-aħħar! Qalbu bdiet ittektek sitta, sitta.

"Stennewni hawn" qalilhom, u telaq 'il fuq: igħaġġel biżżarbun iżaqżaq donnu biex jinkih. Il-fanal li soltu dejjem idawwal is-sqaq kien mitfi. Tgħid kien tfih ir-riħ? Imma tarġa' tgħid, riħ ma kienx u l-fanali l-oħra kollha kienu għadhom jixegħlu. Deherlu wkoll li sama' bħal tħaxwix fis-siġar tal-bajtar li kienu jiddendlu, minn fuq il-ħajt; forsi kienu l-ġrieden jiġġieldu fuq l-aħħar bajtra li kien fadal. Iżda Yvonne kienet hemm żgur; kienet tidher alavolja fid-dlam. "Kemm hi sabiħa," jaħseb Ġanni bejnu u bejn ruħu; "donnha Anġlu minn dawk li jagħmlu fil-festa ma' dwar iz-zuntier tal-knisja. Issa tgħid x'sa ngħidilha?" u jaħseb u jaħseb ma satax isib tarf kif sa jġib il-kliem. Ma diemx jaħsibha! Tqaħqiħa minn tarf issqaq, u f'daqqa waħda bdiet nieżla xita ta' bċejjeċ tal-pal tal-bajtar fuq rasu. Is-Seksuki, għall-ewwel ħabat jitfantas; imma ma diemx ma tajru n-ngħas għax beda ġej kull qofol! Telaq jiġri kemm jiflaħ 'il barra u deherlu li sama' min jidħak urajh. Feliċ u Dumink ma kinux għadhom f'tarf is-sqaq; kienu ħarbu huma wkoll.

Ġanni għadab mhux ftit. L-għada filgħodu kmieni malli fetaħ il-bieb biex jitilqilha ġurnata lejn l-għalqa, l-ewwel ma ltaqa' kien ma' Wiżu, ġuvni ħelu, mislut b'xuftejh mirquma.

"X'hemm, Ġann", qallu dan; hekk, donnu ma jaf b'xejn.

"Oj; hawn aħna wieġbu l-ieħor" bi tbissima. Mur għidlu lis-Seksuki li l-lejla ta' qabel, Wiżu libes il-libsa ta' Yvonne li kien ġieblu ħuha u li flimkien ma' Feliċ u Dumink u erbgħa oħra kien għamillu biċċa bħal dik!

A. Calleja
(Student tal-Letteratura)

2—2—'40.

# F'raħal

Wara li kont domt xi tliet xhur mixħut fis-sodda bid-deni, it-tabib qalli biex immur ngħaddi erbat ijiem għall-arja f'xi raħal. Ktibt malajr 'il wieħed ħabib tiegħi u dan bagħat igħidli u jistedinni biex immur noqgħod fid-dar tiegħu. Lqajt din l-istedina u tlaqt bil-karrozza għar-raħal ta' Ħ.........

Malli wsalt sibt lil ħabibi jistennieni u feraħ bija mhux ftit. Dawwarni l-kmamar kollha, fosthom il-kamra mudwala li kien warrab għalija; ħriġna ħarġa mar-raħal; għaddieni minn ħafna sqaqijiet dojoq u mgħawġa, ġo fihom xi nisa jpaċpċu li, malli rawna, waqfu u baqgħu jħarsu lejna sa ma għaddejniehom, u mbagħad ismagħhom isaqsu waħda lill-oħra: "Min hu dan? Minn ta' minn hu!" u ħafna mistoqsijiet oħra bħal dawn li wlied Eva jħobbu jgħidu, l-iktar fl-irħula fejn wiċċ ġdid isir jafu kulħadd f'qasir żmien.

Wara li kont ilni r-raħal xi ġimagħtejn bdejt nidra t-triqat u n-nies mhux ħażin. Għamilt ħbieb ma' xi erbgħa minn nies sewwa ħafna li kienu jiltaqgħu fuq iz-zuntier wara nżul ix-xemx, u erħili mbagħad ta' kull filgħaxija noqgħod nisma' xi jkunu qed igħidu sa jagħmel il-ħin u nqarrbu lejn djarna. Imma biex nifhmu aħjar x'xorta ta' nies kienu dawn, aħjar ngħidu xi ħaġa fuq kull wieħed minnhom.

L-ewwel ma nibdew mill-kappillan, għax fir-raħal il-kelma ta' ħadd ma tiswa daqs dik tal-kappillan. Dan kien raġel għaref u meta kien l-iskola qala' ħafna tifħir minn għand min kien igħallmu. Laħaq kappillan ftit wara li sar qassis u mill-ewwel bagħtuh f'dan ir-raħal. Għall-bidu kien sa jinqalagħlu l-għawġ, għax iż-żewġ każini tal-banda bdew jagħmlu li jistgħu biex ixaqilbuh lejn xi wieħed minnhom; iżda dan għaraf imexxi hekk tajjeb li ħadd ma kellu l-ħila jaqbdu f'xejn, għalkemm iż-żewġ partiti mbagħad gergru kemm felħu kontra tiegħu. Kien dan il-kappillan jieħu ħsieb it-tfal, igħallimhom id-duttrina, jurihom it-triq tas-Sewwa, u dan l-aħħar fetaħ l-Azzjoni Kattolka biex it-tfal ma jisfrattawx u jitħassru. Għall-festa kien iħabrek ħafna; minn xhur qabel kien joħroġ jiġbor biex din tirnexxi. Qalbu tajba kemm tridu, il-foqra deħlin u ħerġin għandu biex jagħmillhom karta issa għall-karità, issa biex uliedhom jieħdu l-kotba b'xejn, issa biex idaħħlulhom 'il żwieġhom jaħdmu, fi ftit kliem, kien tassew jaqdi d-dmir tiegħu bħala ragħaj fil-Qasam t'Alla. Tkellmu kien dħuli, jaf x'igħid għax qara ħafna fi żmienu. Min jaf kemm-il darba, bil-kelma t-tajba, kien raġġa' s-sliem fid-djar imħarrbta bil-ġlied? Ħaġa waħda kellu (u min jista' jlumu) kien iħobb li kulħadd jagħmel li għandu jagħmel sew, u fuq hekk ma nafx kemm-il darba kellu xi jgħid mas-sagristan fuq li dan ma għamilx l-arloġġ tal-

knisja sew u n-nies gergru, jew inkella għax ma jagħmilx ix-xema' tal-quddiesa fuq l-artal u ma jdoqqx għall-quddiesa fil-ħin.

It-tieni wieħed jaħbat is-surġent, raġel twil, mibni b'saffejn, għajnejh ftit 'il ġewwa, geddumu maħruġ kemmxejn 'il barra, b'ħarsa ta' wieħed li ma jridx min igħidlu "lè". Dan kien iħobb il-kaċċa u l-għasafar; kliemu dejjem fuq summien, gamiem, vrieden, pluvieri, mlievez u ħafna tajr ieħor. Id-dar tiegħu kellu kamra mimlija għasafar ibbalzmati ta' kull xorta u ta' kull daqs u l-hena tiegħu,meta jkun bil-frank, jekk ma joħroġx bl-ix-kubetta fuq spalltu, jgħaddi sigħat sħaħ ifarfar dawn l-imbierka ta għasafar. Fix-xogħol tiegħu bħala surġent ma tilgħabx bih, sikwit iressaq il dan u 'il-ieħor quddiem il-Qorti u n-nies tibża' minnu daqs xitan. Mal-kappillan ħaġa waħda, u mdaħħal fil-kumitat tal-Azzjoni Kattolka. Miksur daqsxejn mas-surmast, għax dan kien qallu li t-tifel mhux tajjeb biex jersaq għat-Târzna, biex b'hekk tilef l-aħħar eżami. Mill-bqija bniedem tal-pjaċir u la tidrah issibu ċajtier ħafna.

Is-surmast kien minn dak ir-raħal stess. Zijuh kien qassis, u ried ikun hu biex jibagħtu l-iskola s-Siminarju. Għall-ewwel kien għal qassis, imbagħad ħassar u laħaq surmast. Kien għamel ħabta mitluf fuq il-letteratura iżda malajr telaq kollox għax kien qed iherri moħħu u jħassar għajnejh b'dak il-qari kollu. Issa ma baqax jaf ħlief xi vers ta' poeżija jew xi qawl bil-Latin. Jidhirlu li jifhem fil-pulitka għax darba kien kiteb xi ħaġa bit-Taljan fuq xi taxxi li kien beħsiebu jagħmel il-Gvern. Ibati daqsxejn bl-istonku u kliemu dejjem jaqa' fuq l-ikel; mill-ewwel darba li jsir jafek erħilu jgħidlek kemm kellem tobba u professuri, kemm siefer għand tobba ta' barra u kif issa sab ruħu tajjeb bid-dieta li tah il-professur ta' Katanja. Għall-ilbies ma jħabbelx rasu, l-ingravata qatt ma taraha fin-nofs, imma allaħares ma ssellimlux meta jkun għaddej mit-triq imwieżen fuq il-bastun (għax issa, miskin, beda jikber u wasal biex joħroġ bis-sittin). Ftit iħobb joħroġ lejn l-ibliet u l-gost tiegħu, meta ma jkollux x'jagħmel, joqgħod jaħdem il-pasturi u l-presepji biex itellagħhom lit-tfal ta' l-iskola meta joqrob il-Milied. Jirsisti ħafna għall-festa; fuq il-bejt tiegħu biss kienu jinħarqu daqs 3,000 bomba li jkun ħallas għalihom hu. Ir-raħal kollu kien iġibu u aħna lkoll konna nifirħu bih meta kien jersaq ħdejna.

Issa jmiss is-sur F........, bniedem għani, igħix bir-renti. Meta kien żagħżugħ siefer, mar l-Amerka fejn għamel ħafna flus; wara raġa' lejn Malta, xtara ħafna bini u issa ma għandu bżonn ta' xejn. Malli jisimgħek issemmi xi ħaġa malajr igħid-lek li fl-Amerka kien ra bħalha u mbagħad erħilu jlablab min-għajr ma jaqta' fuq dak li kien ra meta kien imsiefer bla ma ħadd jista' jmerih, għax ħadd minna ma kien hemm. Għal kull ħaġa ta' xejn kien iżellaq xi kelma—minn għalih bl-Ingliż—li kien tgħallem l-Amerka—Jitkellem igħajjat, jidhirlu li għax

għandu l-flus sa jixtri 'l kulħadd. Kellu xi jgħid ma' tal-Banka u issa ma baqgħax jieħu l-biljetti minn għandu.

Is-sur G......... tal-Lottu kien maħbub minna lkoll. Mill-ġisem ma kienx qasir wisq, iżda rqajjaq, għadma u ġilda, u bla ġlekk kien jidher donnu pespus. Kellu fuq rasu ftit żajbriet 'l hawn u 'hinn, fuq imnieħru żewġ ħġiġiet kbar, għajnejn żgħar mgħottija b'ħuġbejn muxagħra, u lħitu daqsxejn 'il barra. Meta jitkellem jiftaħ idejh u l-ħaġa jkabbarha għal mitt darba. Tgħidlu xi ħaġa jieħu għalih, irabbi l-geddum u jitlaq. Jaqra l-gazzetta kull jum, u għalih li jaqra Vanġelu — Allaħares tmerih meta jkun jaf li l-gazzetta qalet hekk. Dan l-aħħar ma baqax jibagħthielu l-gazzetta lil Dun P ...... għax dan kien qallu li jibla' kull ma jaqra. Imdorri ġo l-ibliet u n-nies tar-raħal kienu ħaduh fuq demm id-dars għax dehrilhom li l-banka kellu jeħodha wieħed mir-raħal, mhux wieħed mill-belt; u fuq hekk bosta kienu dawk li, biex jinkuh, kienu jmorru jaqtgħu n-numri mir-raħal l-ieħor u għandu ma jersqux. Kieku mhux għax kien ħa xi sold mal-mara kien jara jitlobx jibagħtuh xi mkien ieħor. Meta kien ikun magħna dan, konna nehdew tas-sew narawh jitmasħan fuq xi ħaġa li nkunu għidnilu. Deni lil ħadd; anqas jekk irid ma jaf jagħmel deni, u għalhekk kulħadd kien jixtiequ magħna.

Meta daħlet ix-xitwa bdejna ninġabru għand l-ispiżjar tar-raħal, raġel qsajjar, ismar u b'imnieħru twil u mgħawweġ, maħruġ 'il barra. Kien dan l-ispiżjar żagħżugħ minn ta' daż-żmien, moħħu mimli ħmerijiet, kollu ritratti ta' artisti tat-talkies, iħobb iż-żfin u jmur it-tijatru kull nhar ta' Ħadd. Kliemu nofsu Taljan, qisu nesa l-Malti wara li studja Ruma. Għall-ewwel li kien ġie r-raħal ma setax jaqbad, għax in-nies waħħlet f'rasha li ma jifhemx billi dan ma kienx jifhimha meta kienu jiġu għal xi ftit "subliman" jew "Aċidi purku". Issa n-nies drawh; l-ommijiet deħlin u ħerġin jixtru daqqa qartas melħ, oħra landa "Lactogen" għat-tarbija jew flixkun żejt tal-Ħuta. Mal-kappillan u l-qassisin tar-raħal kien joqgħod bil-għaqal—għax ma jridu xejn biex igħidu xi ħaġa minn fuq il-pulptu. Iħobb ħafna t-tijatrin u meta tal-każin ħadmu "Ġużeppi mibjugħ minn ħutu" kien bekka 'l kulħadd daqs kemm qalagħha tajjeb il-parti tiegħu.

Biex ma nħallu 'l ħadd insemmgħu l-Avukat. Ftit kien joqgħod magħna dan, għax dejjem issibu l-Belt, jieħu kafè il-"Premier". Qatt ma ħadem ta' Avukat—ħlief biex jagħmel xi rikors—għax ma għandux għalfejn billi kien wiret ħafna minn għand iz-zijiet. Kien isiefer kull sajf; imma qisu qatt ma mar imkien għax milli ra barra ma kien igħid xejn. Fi żmien l-Awtonomija l-imħabba lejn Artu ġagħlitu joħroġ kandidat; iżda n-nies ma għarfetx x'ġid seta' jagħmel għall-poplu—u ma telax!

Dawn huma n-nies li magħhom kont inqatta' s-sigħat kemm domt ir-raħal. Kollha kienu nies twajba, kull wieħed b'xi "imma" għalkemm malajr tidrahom. Igħixu ħajja fis-sliem, 'il bogħod mill-frugħa tal-belt, midħla tal-ġmiel u l-kobor tal-Ħolqien. Wieħed mill-ibliet jgħir għas-sempliċità tal-ħajja fir-rħula, iżda min jaf kieku jkollu jkun flokhom xi jgħid! Il-qalb tal-bniedem qatt ma tixba' bli għandha f'did-dinja; tixtieq dejjem xi ħaġa malli għandha u fl-aħħar issib li dak li xtaqet mhux biżżejjed—Eqq! Hekk id-dinja.

Ġ. Cassar Pullicino.

# Eroj

Weqfin fuq blata kiesħa, samma w kerha
Imutu ħamsin Grieg, wara xulxin,
Irwieħom jinżlu Ħâdes
Ħl-egħlieqi tat-twajbin.
Fettxew hemmhekk l-Eroj il-kbar tal-Greċja
Akille u Menelaw w Agamemnôn,
Għax huma sħabhom, ħuthom
Magħhom, qribhom ħassewhom
Fuq blata samma w kiesħa imperrċin.
'Ma donnhom m'għadhomx hemm
Fl-egħlieqi tat-twajbin
L-Erwieħ il-kbar tal-Greċja
Ġellieda w qalbenin.
L-għajta tagħhom tidwi mal-muntanji
U tiġri mal-widien f'Traċċja u f'Tessalja.

A. Calleja
(Student tal-Letteratura)

10—IV—'41.

# Il-Berritta Bajda ta' bil-lejl

KUMMIEDJA F'ATT WIEHED TA' ALBERT M. CASSOLA

PERSUNAĠĠI

*Mikiel, Sofija, Lonza, Monsieur Lafayette, Wenzu, Tal-Posta.*

KAMRA TAS-SODDA

(*Jaqbad ma' p. 96 Jannar-Frar*)

M. Dil-kitba donnha ta' l-imradda ta' Censinu. Iva, hekk naħseb, din minn għand il-mara li reddgħetli 'l Ċensinu. Ħalli naqra. (*Jaqra*) "Skond kif ftehimna l-bieraħ fil-għodu, it-tifel tiegħek Censinu tajtu lil dak ir-raġel bil-berretta bajda li kien hemm id-dar tiegħek." Raġel bil-berretta ta' bil-lejl bajda f'dari? (*Jkompli jaqra*) "Huwa ħallasni tajjeb ħafna u niżżik ħajr ferm. Dejjem tiegħek..." O sema, o art! Berritta bajda... f'dari! U Ċensinu tiegħi f'idejh! Għalhekk dawn il-flus kollha! Issa qiegħed naqbad xi ħaġa! Berritta ta' bil-lejl bajda ġo dari... u marti dejjem tgħid li ma tistax tara berritta bajda u ma tridni qatt nilbisha avvolja nħoss il-bard! Min jista' jkun dar-raġel? Kien hawn ġo dari...(*Jmur iqalleb is-sodda*). Is-sodda mħarbta u jien m. kontx hawn! Hawn ġew daħluli n-nies, daħalli xi raġel! (*Jsib il-berritta bajda*) Hawn hi! Hawn hi! Hawn hija l-prova tat-tradiment! Berritta bajda! Sofija bigħetni! Ittradietni! Sofija li ma taħmilx tara berritta bajda, li qatt ma ħallietni nilbisha bil-lejl! Ingħidilha jien! Nuriha jien! Ħalli tiġi quddiemi biex nikolha ħajja! Ja vili li hi! Taħt saqajja nitfagħha, bħalma nirfes din il-berretta nirfes lilha! U miskin hu r-raġel li daħalli hawn ġew u ġieb din il-berritta għax intertqu! Inqattgħu bċejjeċ bċejjeċ u nagħmlu zalzett!... Ħalli naqbad min hu!... Imma taf x'nagħmel: għal issa ma nuri li naf b'xejn sakemm nikxef kollox sewwa. Ħalli naħbi l-berritta.

SOFIJA. Wasalt jien. Għandi nifsi maqtugħ. Ara dal-kappell tas-sajf, Kieli ta' qalbi, x'jidhirlek minnu? Għandi gosti sbieħ jien?

M. (Hija wkoll bil-kappell abjad ħej! Billi hi pura wisq!)

S. Tkellem, Kiel; ma jogħġbokx, qalb ta' qalbi?

M. Ħelu, ħelu, donnu zokkra. (*Ironiku*).

S. Qiegħed tkellimni b'ċertu b'mod, qiegħed narak biered, u donnok irrabjat.

M. Min, jien? Le. x'int tara. Qiegħed nidħak, arani, sa nixpakka bid-daħk!

S. Mela hekk. Mil-lum 'il quddiem inkunu dejjem nidħku u kuntenti.
M. Ku...n...ten ..ti! Tassew?
S. Iva, għax issa ma għandniex x'naħsbu iżjed fil-faqar, fil-miżerji.
M. (Ingħidlek jien!) U dan għaliex ma naħsbux iżjed f'miżerji?
S. Ara, inti taħseb xejn. Jiena m'għedtlekx tħalli kollox fi ħsiebi?
M. Dan żgur, kollox intik f'idejk jiena. U nkun ku...n...tent u nidħak, eh?
S. Ħalli x-xogħol u l-kummerċ fi ħsiebi, kollox f'idejja.
M. F'idejk biss biss? M'hemm ħadd iżjed imdeffes fin-nofs, hux?
S. (Ma nagħmlux li jaf?)
M. Weġibni, qalbi, weġibni; żgur ma hemm ħadd iżjed imdeffes fin-nofs, hux?
S. (Mid-dehra jaf b'kollox!)
M. Ma titkellimx, hux? Sewwa tagħmel taf, għax jekk tiftaħ fommok tista taħrablek xi kelma! (Ara daqsxejn kont naħsibha xi anġlu u mhix ħlief xitan).
S. Fhimtek jien... dik il-lablaba ta' Lonza qaltlek kollox... Huwa nqaċċatha 'l barra!
M. Min, Lonza? Le, le, Lonza daqsek mara! Biex ma tgħidli xejn żgur, marret tintagħlaq hemm ġew!
S. Allura la darba għadek ma taf b'xejn, ingħidlek kollox jien stess.
M. Għandek il-wiċċ?
S. (*Tidħak*). Għala le, qalbi?
M. (Dnub li qegħdin fi żmien ta' gwerra u ħadulna l-armi kollha għax li kelli arma projbita kont indewwaqhielha!) Iva, iva? U meta sa tgħidli, geduda ta' qalbi?
S. Meta jirnexxili ndaħħallek f'rasek li inti m'għandekx għalfejn taħseb ħażin fija kif qiegħed tagħmel, u meta tiżgurani li tikteb ittra ġentili lil ċerta persuna...
M. X'persuna hi? Nikteb jien?...
S. (*Tmelles 'il Mikiel*). Iva; u rrid narakom titgħannqu flimkien bħal żewġt iħbieb tal-qalb!
M. Sa nixpakka. Issa żżejjed!
S. Iżżejjed xejn. Issa, millum 'il quddiem irrid li nkunu lkoll familja waħda.
M. Biżżejjed ja qalb ta' tigra, ja vili, ja mara ħażina! Kun af li jiena naf kollox, li għandi l-provi ta' kollox f'idejja!
S. Xi provi? Provi ta' hix? Għax qiegħed titkellem bil-herra?

M. Mela għalina! Ħalli npattihielek kif jistħoqqlok ja traditriċi !

S. Traditriċi...? Mela qiegħed tiġġennen? Xi tradimenti huma?

M. Ma tafx, hux ? Sa tiċħad ukoll ! Dawwar wiċċek fejn hu dahrek! *(Sofija ddur u Mikiel joħroġ il-berritta bajda ta' bil-lejl)*. Hawn hija x-xhieda ta' kollox !

S. *(Tidħak bil-qawwi)*. Dik mnejn ġibtha ?

M. Ma tafx, taparsi ma tafx mnejn ġibtha, hux? *(Traġikament)* Gibtha minn taħt dik l-imħadda fejn jiena soltu mmidd din rasi kwieta u bla ħtija u li inti issa mlejthieli bixxwiek ! Iżda spiċċa kollox għax sa nitlaq minn din id-dar u ma taranix iżjed ! Żomm flusek kollha għalik, żomm ħwejġek kollha. *(Jibda jinża')*.

S. X'sa tagħmel ? Stenna. Kif qatt tista' taħseb li jiena...

M. Ta' min hi din il-berritta? Agħtini ismu, għax nisfar bħal Otellu...

L. Sinjura, sinjura ! Gej dak iċ-'Chief' tan-'Navy' b'Censinu f'idejh !

M. 'Chief!' 'Chief!' Ċensinu tiegħi ! Xellerat ! Jew huwa jixrobli demmi jew jien nagħmillu tiegħu mazzit u nagħtih 'il kelb! *(Jmur jiġri lejn il-bieb)*.

S. X'int tgħid ? Taf min hu daċ-'Chief ?'

M. Ma jistax ikun ħlief raġel ħażin !

S. Dan zijuk !

M. Eh ?

S. Zijuk li kien miksur miegħek. Issa jiena ktibtlu daqsxejn ta' ittra kif jixraq, ġie jarani, wegħidtu li tiktiblu inti wkoll u li titolbu biex jaħfirlek...

M. Jiena ġa' ktibtlu.

S. Għalhekk ġej għandna u sa jġibilna miegħu lil Censinu. U sa jagħtina ġidu kollu, flusu kollha u kullma għandu. U dan kollu bis-saħħa tiegħi !:

L. U tiegħi wkoll !

M. Mur obsor xi praspar tafu tagħmlu, Sufija ta' qalbi ! Intennilek li inti l-iżjed mara għaqlija tad-dinja! U warajk tiġi Lonza ! Imxu nilqgħu liz-ziju, mela; u nagħtuh lura dil-berritta bajda ta' bil-lejl!

L. U biex iz-ziju tagħkom jieħu iżjed gost bina, ejjew inkantawlu lkoll flimkien : "He is a jolly good fellow" *(Joħorġu mgħannqin ikantaw u jgħannu)*.

TMIEM.

# Storja tal-Għaqdiet tal-Kittieba tal-Malti

*(Din it-taħdita nqrat minn fuq ir-Rediffwsion nhar il-Ħadd it-23 ta' Frar fid-9:15 a.m.).*

Il-*Għaqda tal-Malti* (*Università*) hija l-aħħar waħda fost il-Għaqdiet l-oħra tal-Kittieba tal-Malti li twieldu minn mitt sena 'l hawn meta kienet nibtet fostna l-ewwel waħda, u għalhekk hija tgħaqqad il-kuruna ta' ward sabiħ li s'issa nġabar mill-qasam tal-kitba letterarja maltija; iżda fejn l-ewwel waħda kienet inħolqot minn għaqda ta' nies imdaħħlin fiż-żmien u fil-professjoni tagħhom, għaqda mibnija fuq sies xjentifku ta' fergħa li l-iskop ewlieni tagħha kien dik tal-progress tal-mediċina u ma' dik tax-xjenzi l-oħra li għandhom rabta magħha, bħalma hi l-istorja naturali, għaqda li dehrilha li fil-publikazzjonijiet tagħha tinqeda b'alfabet xjentifku għall-ismijiet maltin ta' pjanti w annimali, il-*Għaqda tal-Malti* (*Università*) nħolqot fost erba' żgħażagħ studenti universitarji mħeġġin b'nar wisq iżjed qawwi minn dak tan-nies ta' l-ewwel Għaqda li kienet is-*Società Medica*, b'finijiet li kienu jaqblu għal ma' dawk iż-żminijiet ta' għaxar snin ilu, jiġifieri għal dik li hi ħtieġa ta' tagħlim letterarju tal-Malti marbut mal-bżonnijiet morali, nazzjonali, amministrativi u fl-istess ħin akkademiċi tal-ġenerazzjoni ġdida maltija, finijiet li huma wisq akbar u li jħaddnu fergħa għaliha li magħha tiġbed il-fergħat l-oħra kollha li jkollhom jinqdew bl-ilsien malti biex il-poplu jista' jkollu l-vantaġġ li jitgħallem bla tbatija u tfixkil kull għerf li jista' jiswielu għall-pajjiż, u għalih in-nifsu.

It-twelid u l-ħajja tal-*Għaqda tal-Malti* (*Università*) hija għalhekk l-aħħar kapitlu tal-ktieb li s'issa nkiteb tal-Ġrajja tal-Kitba Maltija, u jixraq, għalhekk, illi l-lum, bħala tifkira ta' għeluq il-għaxar snin ta' ħajja li ilha tgħix din il-Għaqda li nsemmu iżjed bir-reqqa kif inħolqot, iżda qabel xejn, biex wieħed ikun jista' jgħożż l-importanza storka tagħha, insemmi wkoll fuq fuq il-ġrajja ta' l-oħrajn li twieldu u għexu qabilha, u kif din tgħaqqad illum fiha nfisha l-mera ta' Xirka Letterarja Maltija.

Kif diġa tarrafna, l-ewwel xirka li tista' tgħid nibtet fostna biex il-Malti jinkiteb skond ma trodd ix-xeħta tiegħu ta' lsien semitku miktub b'ittri latini kienet dik tas *Società Medica* fl-1841, sew sew mitt sena ilu, meta t-Tabib Stefanu Zerafa, Professur ta' l-Istorja Naturali fl-Università ta' Malta u Membru tas-Soċjetà Medica kien qara f'April ta' l-1841 quddiem is-Soċjetà Studju storku filoloġku fuq ilsien Malti u ressaq quddiem il-Membri abbozz ta' alfabet malti li mbagħad sar rapport fuqu minn Kummissjoni magħżula apposta u din wettqitu sabiex is-Soċjetà tinqeda bih. Dan l-alfabet kien imwaqqaf fuq il-prinċipju ta' l-alfabet fonetku skond ma trodd il-għamla ta' alfabet semitku. B'dan l-alfabet inkitbu l-ismijiet maltin

ta' ħxejjex, xtieli, siġar, eċċ., fil-ktieb *Flora Melitensis* ta' Grech Delicata (1853) u dawk ta' l-agħsafar fil-*Quadro Geografico Ornotologico* (1843) ta' Schembri. It-Tabib Zerafa snin qabel, jiġifieri fl-1827, qisu żmien wieħed ta' meta Vassalli kien ħareġ it-Tieni edizzjoni bit-taljan tal-Grammatka Maltija, kien ħareġ il-*Flora Melitensis Thesaurus* li kien fiha l-ismijiet ta' ħxejjex, xtieli u siġar, eċċ., miktubin b'alfabet li kien bejn wieħed u ieħor l-istess wieħed li hu kien ressaq quddiem is-*Società Medica.* Qabel ma nibtet xirka oħra, jiġifieri l-*Accademia Filologica Maltese,* li ħasbet biex tmexxi iżjed 'il quddiem il-kitba tal-Malti, nsibu li l-Gvern fuq suġġeriment ta' Cornwall Lewis, wieħed mill-Kummissjonarji maħturin biex jistħarrġu fuq l-Affarijiet Amministrativi f'Malta (1836) kien daħħal fl-Iskejjel Primarji tal-Gvern Ktieb tal-Qari bl-Ingliż u bil-Malti, iżda billi dak il-ktieb kien miktub b'alfabet b'xi ittri għarbin u b xi kliem meħudin mill-Għarbi bla ma qatt kienu f'ilsien Malti, it-tagħlim tal-Malti bħala mezz għat-tagħlim tal-Lsien Ingliż tneħħa wara bil-kemm sentejn. B'dan ix-xorta ta' alfabet kien inkiteb il-ktieb *Catalogue of Different Kinds of Fish in Malta and Gozo* (1838) ta' Trapani. Dr Salvatore Cumbo fil-*Piano di Pubblica Istruzzione* (1841) flok l-alfabet Għarbi Ruman (kif dlonk kienu jsejħulu dan ix-xorta ta' alfabet) ressaq alfabet iżjed popolari li wieħed sata' jinqeda bih tajjeb għat-tagħlim fl-iskejjel. Fost dan it-twegħir ta' ftehim fuq il-għażla ta' alfabet Malti, li jkun xieraq għall-iskejjel, il-kitba tal-Malti ma setgħet qatt tieħu r-ruħ, sakemm fl-1843 is-*Società Filologica Maltese* twaqqfet bil-ħsieb li tgħin u xxerred il-kitba maltija fost il-poplu u fl-istess ħin tiffissa kitba li tkun tgħodd għat-tagħlim ta' ilsna oħra fl-iskejjel li dik il-ħabta l-aqwa li kien it-Taljan u mħabba f'hekk din ix-xirka fasslet alfabet fuq dak ta' dan il-lsien. Mill-1850, meta dan is-sistema daħal fl-Iskejjel Primarji tal-Gvern baqa' jseħħ sakemm fl-1883 nibtet ix-*Xirka Xemïa,* illi l-aqwa ħsieb tagħha kien li fil-waqt li tagħti lill-Malti xejra ta' kitba li taqbel l-iżjed mal-morfoloġija semitka tiegħu, toħloq alfabet b'ittri latini li jistgħu jaqdu l-prinċipji ta' dik il-kitba maltija.

Bis-saħħa tal-ħidma ta' l-*Accademia Filologica Maltese* ħarġu kotba tal-Konversazzjoni Maltija-Ingliża-Taljana u xi kotba tal-qari bil-Malti miktubin minn nies ta' l-iskola, bħalma kienu Pullicino, Falzon, Letard, u fosthom l-aqwa l-Professur Gio Antonio Vassallo u Annibale Preca li kienu għamlu ġabra ta' poeżijiet bil-Malti għat-tfal ta' l-Iskejjel. Il-*Ħrejjef u Ċajt* ta' Vassallo, Storja ċkejkna ta' Malta u l-Ħajja ta' Kristu, u xi kotba oħra nkitbu bis-sistema ta' l-*Accademia Filologica Maltese* għalkemm fihom hemm nieqsa r-reqqa ta' ortografija li tista' tgħidilha grammatikali.

Mat-twelid tax-*Xirka Xemïa* kien daħal it-tagħlim tal-Malti fil-klassijiet kollha ta' l-iskejjel Primarji flimkien mat-Taljan

u l-Ingliż, u għalhekk inkitbu u ħarġu stampati kotba tal-qari li jgħoddu għall-klassijiet kollha, u l-aqwa kittieb ta' dawn il-kotba kien Preca li kellu l-inkarku li joħroġ ukoll Tifsira ta' dan is-sistema fi ktejjeb. Il-programm tat-tagħlim Malti bl-Alfabet tax-*Xirka Xemïa* jidher minn Cirkulari lis-Surmastrijiet maħruġa minn Savona li kien dak iż-żmien Direttur ta' l-Istruzzjoni Pubblika, fl-14 ta' Novembru, 1882.

Is-sistema tax-*Xirka Xemïa* nistgħu ngħidu li mietet finnieqa u magħha mietet ukoll ix-*Xirka* għax b'hekk inqerditilha darha. Ir-raġuni li għaliha s-sistema tax-*Xirka Xemïa* waqgħet wara bil-kemm sitt snin ħajja, nistħajjel li kienu iktarx il-prinċipji ta' xi awtoritajjiet u professjonisti kuntrarji għas-sistema fiha nfusha li fiha dehrilhom li sa tkun ta' ħsara għal xi lsien ieħor skolastiku milli t-twegħir ta' l-istess sistema. Mat-twaqqif tas-Senat Universitarju li taħtu kellha titmexxa d-dgħajsa tat-tagħlim kollu ta l-Iskejjel tal-Gvern bil-Liċeo u l-Università magħhom, mad-dimissjoni ta' Savona minn Direttur ta' l-Istruzzjoni Pubblika, naraw li fuq rapport ta' Kumitat maħtur dwar l-influwenza ta l-Alfabet Fonetiku tax-*Xirka* fuq it-tagħlim tal-Lsien Ingliż u Taljan, l-alfabet tax-*Xirka Xemïa* tneħħa mill-kotba ta' l-iskejjel u floku raġa' daħal ta' l-*Accademia Filologica Maltese.*

Billi minn żmien għall-ieħor il-kitba maltija sew fil-kotba ta' l-iskola tal-Gvern kemm fost il-kittieba baqgħet imħawda bla ebda regula sħiħa, fl-1893 twaqqaf Kumitat fost l-aħjar kittieba tal-Malti biex jiffissa alfabet xieraq li jaqbel kemm jista' jkun ma' simboli alfabetiċi li bihom aħna mdorrijin niktbu l-Malti u fl-istess ħin mal-morfoloġija u fonetka maltija. Is-sistema ta' kitba ta' dan il-Kumitat insibu mera tiegħu fil-*Muftieħ ta' Kitba Maltija* ta' Ġanni Vassallo li ħareġ 1901. Huwa jixbah lil dak ta' l-*Accademia Filologica Maltese,* iżda jersaq iżjed lejn ir-reguli tax-*Xirka Xemïa* għal dik li hi morfoloġija. Il-Kumitat jidher li wara xi ftit laqgħat infired u għalhekk mill-ftit ta' ħidma, li kif jidher kompliha Ġanni Vassallo bħala Segretarju, ma għandniex ħlief il-ktejjeb tiegħu li hu l-*Muftieħ tal-Chitba Maltija.* B'din is-sistema ta' ortografija mill-1900 sakemm twaqqfet l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* li ħarġet it-*Tagħrif tal-Kitba Maltija* (1924) inkitbu l-iktar kotba serji ta' qari malti; u għandna nistqarru li din is-sistema wkoll wara dik tal-Għaqda isseħħ għal żmien twil; kien fadlilha nifs qawwi biżżejjed u baqgħet popolari fost l-aħjar kittieba, insemmu wieħed mill-aqwa li kien Ġużè Muskat Azzopardi li baqa jinqeda biha fil-Vanġelji bil-Malti li kien għadu qed joħroġ meta s-sistema tal-Għaqda kienet għadha kif twaqqfet.

L-iskop tat-twaqqif tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* kien għall-ewwel li jiffissa ortografija waħda fost il-kittieba kollha tal-Malti. Iżda din ma kenitx ħaġa li setgħet titwettaq hekk

minnufih qabel ma s-sistema tkun imdaħħla fit-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel. Għalhekk l-ortografija ta' din il-Għaqda, minn mindu nħolqot sakemm dan l-aħħar daħlet fl-iskejjel, fil-Qrati u fl-amministrazzjoni tal-Gvern bħala sistema uffiċjali, baqgħet tinkiteb biss fost il-membri tal-Għaqda, u 'l hawn u 'l hinn fost xi kittieba ta' "*Il-Malti*" rivista' ta' l-istess Għaqda.

(*Tissokta*) A. CREMONA

# Ħidmiet tagħna

## LAQGĦAT

Minħabba ż-żmenijiet li aħna fihom sibna ħafna tfixkil biex nagħmlu laqgħat, għalhekk din is-sena saret laqgħa waħda li fiha ngħażel dan il-Kumitat għas-sena 1941-42 :

President Onorarju: L-On. Rettur.
President : Prof. Ġ. Aquilina, B.A, LL.D, Ph.D.(Lond.)
Viċi-President: Is-Sur K. Sant
Segretarju : Is-Sur H. P. Copperstone
Ass. Segretarju : Is-Sur K. Sant.
Kaxxier: Is-Sur H. Agius Ferrante.
Xandir : Is-Sinjuri S. Boffa u A. Attard-Borg
"Leħen il-Malti": Edituri: Is-Sinjuri A. Calleja u M. Mizzi.

## *REDIFFUSION*

F'lok il-laqgħat l-*Għaqda* ndaħlet għal biċċa xogħol oħra. Fis-sajf li għadda konna ktibna lill-awtoritajiet biex niksbu l-permessi meħtieġa biex inxandru programmi letterarji bil-Malti minn fuq ir-*Rediffusion.* Hekk fil-Milied bdejna bi programm speċjali għal dan il-Jum.

Minn dak in-nhar 'l hawn nhar ta' Ħadd kull ħmistax bqajna nxandru dawn il-Programmi letterarji. Fost dawn xandarna dan il-programm speċjali, fit-23 ta' Frar b'tifkira ta' l-egħluq l-għaxar sena ta' l-"Għaqda" min mindu twaqqfet, fis-26 ta' Jannar 1931 :

1. Innu ta' l-Għaqda.
2. "Wara għaxar snin" tal-Prof. P.P. Saydon, B.Lit., D.D., B.L. Can., Lic. S. Script. Inqrat mis-Sur K. Sant.
3. "It-Tieni Rebħa Tagħna" tas-sur K. Vassallo. Inqrat mis-Sur S. Boffa.
4. "L-Għaqdiet tal-Malti" mis-sur A. Cremona.
5. "Stedina għal Tagħlim il-Malti" ta' M. A. Vassalli. Inqrat mis-sur Ġ. Cassar Pullicino.
6. "Lil M. A. Vassalli" tas-sur Ġ. Pisani.

Il-programm spiċċa bl-Innu Malti li ndaqq mis-surmast A. Muscat-Azzopardi, li daqq ukoll kull meta ħtieġ.

Irridu ngħarrfu li f'dawn il-programmi nixtiequ ndaħħlu xi kitba oriġinali (jiġifieri mhux stampata) għalhekk nistiednu 'l kulħadd, l-aktar lill-Istudenti, biex igħinna f'din il-ħidma ta' fejda. Biss din il-kitba trid tasal għand is-Segretarju ħmistax qabel ma jkollha tinqara.

KORRISONDENZA MAL-GVERN.

Dan l-aħħar kellna xi ftit korrispondenza mal-Gvern.

Ktibna lill-Gvernatur fejn tlabnieh li l-ismijiet tat-toroq fl-Ibliet isiru bil-Malti wkoll, u ssuġġerejna kumitat ta' esperti fl-Istorja u fil-Malti.

Ktibna lill-Awtoritajiet Responsabbli biex aħbarijiet minn fuq ir-*Rediffusion* jingħataw b'Malti tajjeb. It-talba tagħna laqgħuha u issa mhux ħażin. Kellna kitba oħra mal-Gvern li nxandru aktar 'il quddiem.

IL-*B.B.C.* U AĦNA.

Nixtiequ nniżżlu f'din ir-rivista t-telegrammi li għaddew bejna wil-*B.B.C.*

28 ta' Settembru 1940

L-ittra ta' l-aħbarijiet bil-Malti ngħoġbot ħafna. Nifirħu 'l Sultana.

SANT Segretarju Għ. M. U.

3 ta' Ottubru 1940

Ħajr għat-telegram tiegħek dwar l-ittra ta' l-aħbarijiet bil-Malti.

CONNER *B.B.C.*

5 ta' Frar 1941

Qari ta' Għażliet minn Kitba Maltija

SANT Segretarju Għ. M. U.

15 ta' Frar 1941

Għoġbitna t-tnebbiħa tiegħek għal qari ta' kitba Maltija. Nirranġaw mill-aktar fis.

CONNER *B.B.C.*

25 ta' Frar 1941

Qari minn Ward ta' Qari Malti Saydon Aquilina minn *School of Oriental Studies Lond University.*

SANT Segretarju Għ. M. U.

Dawn bdew jingħataw nhar it-Tlieta is-6 ta' Mejju 1941.

SOSTENITURI

Inżidu mal-lista tas-Sostenituri tagħna lis-Surmast A MUSCAT-AZZOPARDI, li qed igħinna ħafna biex inxandru programmi letterarji minn fuq ir-*Rediffusion.*

Inkunu nafuhulhom lil dawk kollha li jagħmlu bħalu u lil dawk is-sostenituri, li għadhom ma bagħtulniex li wiegħdu, jekk jibagħtuhulna ma jdumux.

# "Ġabra ta' Qari Malti"

Bil-ħsieb li nkabbru u nxerrdu l-letteratura ta' lsienna, u bit-tama kbira li l-ħidma tagħna tkun tiswa ta' ġid fit-tiswir ta' kultura letterarja tabilħaqq maltija, irridu nidaħlu għal biċċa xogħol imwiegħra daqs kemm sabiħa, u nagħtu f'idejn il-poplu Malti kotba miktubin bis-sengħa u mirquma bil-qawwa tal-ħsieb. Ma rridux li rrumanz Malti jieqaf sa fejn wasal; irridu nkabbruh, immexxuh aktar 'il quddiem u ngħallmuh lill ġenerazzjoni li tielgħa.

Taħt ir-ras "ĠABRA TA' QARI MALTI" aħna biħsiebna nibdew noħorġu għadd ta' rumanzi—rumanz kull tliet xhur—miktubin kif titlob is-sengħa. Għandna nittamaw li dawn il-kotba jkunu ta' siwi u ta' ġid għal ilsienna daqs kemm kienu l-kotba maħruġa mit-tabib Ġuże Bonnici, li Alla jagħtih il-Ġenna, min jaf kemm ħadem u kemm ħabrek biex jarfa' l-Ilsien Malti mit-tajn tal-għajb u tat-tkażbir.

Imma biex il-ħsieb tagħna jseħħ kif nixtequh, neħtieġu l-għajnuna tal-qarrejja u tal-kittieba.

KOTBA OĦRA

Minbarra r-rumanzi, għandna ħsieb ukoll li 'l quddiem noħorġu *kotba tal-poeżija* miktuba mill-aħjar poeti tagħna; *drammi* u *kotba ta' tagħlim*, uħud minnhom maqluba minn ilsna barranija.

Ma kont qatt nasal li nagħmel dan il-ħsieb u nidħol għal biċċa xogħol bħal din li kieku ma kienx it-taħbit li tħabat u l-għajnuna finanzjarja li wegħidni s-Sur A. Saliba li ser ikun l-Editur tal-"Ġabra ta' Qari Malti."

ZEWĠ EDIZZJONIJIET

Il-"Ġabra" ser ikun fiha *żewġ edizzjonijiet:* waħda rħisa u l-oħra *de luxe*. L-edizzjoni rħisa tkun imqassma f'faxxikli tas-16-il paġna l-wieħed li joħorġu darba fil-ġimgħa—1d. kull faxxiklu. L-edizzjoni *de luxe* tkun fi ktieb sħiħ, mitbugħ fuq karta tajba u illegat sabiħ. Kull ktieb jinbiegħ 1/6d. *Ma għandniex xi ngħidu dawn il kotba aħna nibdew noħorġuhom kemm-il darba l-abbonati jlaħħqu għadd sabiħ.* Mela fittxu ssieħbu f din il-"Ġabra" u tkunu qed tagħmlu ġid lill-Malti u lil Malta.

Dawk li jixtiequ jissieħbu u dawk li jridu xi tagħrif ieħor dwar il-"Ġabra ta' Qari Malti" għandhom jiktbu:

*Lis-Sur Anton Saliba,*
*Editur tal-"Ġabra ta' Qari Malti"*
*Popular Printing Press*
142, *Strait Street, il-Belt.*

ĠUŻÈ CHETCUTI

# METRIKA MALTIJA

ta' KARMENU VASSALLO

kittieb tan-"Nirien" u "alla taż-żgħażagħ"

Jinbiegħ għand

A. C. AQUILINA & Co.

**58D Triq Irjali, il-Belt**

Ukoll xogħol ieħor interessanti ħafna

**"THE MALTESE LANGUAGE"**

tal-Prof. Ġ. AQUILINA, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond)


---

**Tisħib**

**6d. kull sitt xhur**
**1s. kull sena.**
**Kopja waħda sold**
**Għal barra minn Malta d-doppju.**

Mitbugħ fl-"Empire Press" 266, Triq San Pawl—Il-Belt.